**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Gunju, 2017

Rikors numru : 7/17 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu gewwa Sarajevo, Bosnia & Herzegovina, fis-27 ta' April tas-sena elf disa` mija u wiehed u disghin (1991) u minn dan iz-zwieg twieled tifel li llum huwa maggiorenni u ghandu 'l fuq minn tlieta u ghoxrin sena (23) ;

Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Christine Abela fit-12 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016),hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. A ;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati de facto ghal fuq minn hdax (11) 'il sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

Illi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment stante li l-partijiet kienu rrinuzjaw reciprokament skont klawsola 3 tal-kuntratt tas-separazzjoni, u binhom jahdem u wara kollox ghandu l-fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena;

Illi għalkemm dan ir-rikors m'huwiex wiehed konguntiv, ir-rikorrenti tinsab infurmata li zewgha m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghal ottjeniment ta' dan id-divorzju.

Illi l-esponenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe` "K";

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku.
3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dak kollu necessarju sabiex l-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u jsiru dwak l-annotazzjonijiet necessarji;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha jiddikjara li ma jopponix ghat-talbiet;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Frar 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ “K”. Il-Qorti tilqa’ din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu il-passi kollha necessarji f’dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta’ Ottubru 2016 u ilhom de facto separati ghal aktar minn hdax (11) il-sena;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.